**16 ta' Diċembru, 1959**

**Imħallef:—**

**Onor. Dr. J. Caruana Colombo, B. Litt., LL.D.**

Carmelo Sapiano et.

*versus*

Maria Dolores sive Doris Sammut

**Dota — Alimenti — Art. 34 u 35 tal-Kodiċi Ċivili.**

*Biex il-ġenituri jiġu dikjarati eżenti mill-obligu li jiddotaw lill-binthom u li jagħtuha l-alimenti jekk tiġi fil-bżonn, meta din tkun iżżewġet kontra l-volontà tagħhom, jeħtieġu żewġ rekwiżiti, u ċjoè li l-ġenituri jkunu għamlu oppożizzjoni għaż-żwieġ ta' binthom b'att ġudizzjarju dirett kontra tagħha u tar-raġel li kienet sejra tiżżewweġ, u dan qabel iż-żwieġ, u jkunu għamlu d-domanda għal din l-eżenzjoni fi żmien sitt xhur miċ-ċelebrazzjoni taż-żwieġ, u li jkollhom rajuni tajba għal din l-oppożizzjoni tagħhom.*

*Għala raġunijiet tajba għal din l-oppożizzjoni l-liġi t'rrikonoxxi n-nuqqas minn naħa tar-raġel tal-mezzi meħtieġa għall-ħajja, u d-diverġenza kbira fil-kondizzjoni fil-ħajja bejn dawk li jkunu sejrin jiżżewġu.*

*Kwantu għall-mezzi, il-liġi tilleġittima l-oppożizzjoni għaż-żwieġ meta dawk li jiżżewġu jkunu neqsin mill-mezzi neċessarji biex jiżżewġu biss, u mhux ukoll meta ma jkollhomx biex jgħixu bil-kumdità, jew meta ma jkollhomx biex jgħixu bil-lussu; u tħares lejn l-idoneità li, jekk tiġi awmentata l-familja, jawmentaw ukoll il-profitti tar-raġel.*

*Kwantu għad-diverġenza fil-ħajja soċjali ta' dawk li jkunu ser jeżżewġu, din id-disparità ta' kondizzjoni tidher li trid tkun dik li, fl żmienijiet ħisq anqas demokratiċi minn dawk tal-lum, minnha kien jitnissel skandalu gravi u infominja għall-parenteli.*

Il-Qorti:— Rat l-att taċ-ċitazzjoni li bih l-atturi, wara li jippremettu illi l-konvenuta, binthom, iżżewġet lill-konvenut mingħajr il-kunsens tagħhom u non ostante l-oppożizzjoni tagħhom; u illi ż-żwieġ sar bid-dispensa ta' parti mit-tnedijiet, u huma ma kienux jafu bih ħmistax il-ġurnata qabel; u illi huma ppreżentaw protest fil-15 ta' Ottubru 1958; u illi huma opponew iż-żwieġ imsemmi billi l-konvenut ma għandux il-mezzi meħtieġa għall-ħajja, u hemm divrenzja kbira tal-kondizzjoni fil-ħajja bejn il-partijiet, u għal raġunijiet opra tajba li jirriżultaw waqt it-trattazzjoni tal-kawża; jitolbu illi premessi d-dikjarazzjonijiet meħtieġa u mogħtija l-provvedimenti opportuni, jiġi għaldaqstant dikjarat u deċiż, għar-raġunijiet fuq premessi, illi huma meħlusin mill-obligu li jmantnu lill-binthom il-konvenuta u mill-obligu li jiddotaw lill-istess konvenuta. Bl-ispejjeż, kompriżi dawk tal-protest tal-15 ta' Ottubru 1958, kontra l-konvenuti;

*Omissis;*

Ikkunsidrat;

Illi l-konvenuta, li hi bint l-atturi, innamrat mal-

konvenut ftit granet wara li dan ġie Malta mill-Awstralja f'Mejju 1958, fejn kien mar f'Jannar 1955. Hija bdiet tkellmu fit-trieq . . . . . ;

Illi l-atturi qegħdin jitolbu li jiġu meħlusa *mill-obligu* li jmantu u li jiddotaw lill-konvenuta binthom, billi din, kif huma jippretendu, iżżewġet lill-konvenut mingħajr il-kunsens u malgrado l-oppożizzjoni tagħhom. Skond il-liġi (art. 34 tal-Kodiċi Ċivili), l-obligu ta' kull persuna lejn oħra għall-manteniment, u l-obligu tal-ġenituri, fost oħrajn, *li jiddotaw* lill-binthom, jispiċċa jekk il-persuna li favur tagħha l-obligu l-wieħed jew l-ieħor, jew iż-żewġ obligi, huma stabbiliti, tiżżewweġ kontra r-rieda tal-persuna li jkollha dak l-obligu jew dawk l-obligi; iżda dan kemm il-darba din l-oppożizzjoni tkun saret għal raġunijiet tajba, u t-talba għall-ħelsien mill-imsemmija obligu jew obligi ssir mill-persuna li tagħmel dik l-oppożizzjoni fi żmien sitt xhur mit-tieġ. Barra minn dan, din l-oppożizzjoni, biex ikollha effett, hemm bżonn li ssir b'att ġudizzjarju, li għandu jiġi notifikat lil kull waħda mill-persuni li jkollhom il-ħsieb li *jiżżewġu*;

Mill-premess jirriżulta li tnejn huma r-rekwiżiti meħtieġa skond il-liġi biex jista' jkun hemm eżitu favorevoli għad domanda avanzata mill-atturi, ċjoè li huma opponew ruħhom kontra kull wieħed u waħda mill-konvenuti għaż-żwieġ tagħhom b'att ġudizzjarju qabel l-istess żwieġ, u ntavolaw din l-azzjoni fi żmien sitt xhur mit-tieġ tagħhom, u li huma għandhom raġuni tajba għall-oppożizzjoni msemmija;

Illi l-atturi uniformaw ruħhom għar-rekwiżit taż-żmien volut mil-liġi, billi huma opponew ruħhom għaż-żwieġ tal-konvenuta binthom mal-konvenut bi protest tal-15 ta' Ottubru 1958 . . . . . u ġew il-quddiem biċ-ċitazzjoni odjerna fi żmien sitt xhur mit-tieġ tagħhom . . . . . ;

Illi, bħala bażi għar-rekwiżit l-ieħor, l-atturi jaddu ċu żewġ raġunijiet, ċjoè n-nuqqas minn naħa tal-konvenut tal-mezzi meħtieġa għall-ħajja, u d-diverġenza kbira tal-*kondizzjoni fil-ħajja bejn il-konvenuti — raġunijiet dawn*

illi l-liġi stess tirrikonoxxi bħala leġittimi u validi għall-finijiet tal-eżenzjoni mill-obligi msemmijin (art. 35 Kodiċi Ċivili);

L-ewwel raġuni addotta mill-atturi mhix fondata. Għall-finijiet tal-eżenzjoni mill-obligi ġa msemmija l-liġi tilleġittima l-oppożizzjoni għaż-żwieġ meta dawk li jiż-żewġu jkunu neqsin mill-mezzi neċessarji biex jiżżewġu biss, u mhux ukoll meta ma jkollhomx biex jgħixu bil-kumdità, jew meta ma jkollhomx biex jgħixu bil-lussu; u tħares lejn l-idoneità li, jekk tiġi li tawmenta l-familja, jawmentaw ukoll il-profitti tar-raġel (Vol. IX, 754; XIII 545; XXIX-II-1225). Fil-każ taħt konsiderazzjoni, meta wieħed jieħu rigward tal-kondizzjoni tal-konvenuti u tal-mezzi li għandhom, għandu jasal f'konklużjoni li, jekk talvolta b'dak li għandhom ma jistgħux jgħixu fil-wisa', huma jistgħu żgur jgħixu b'ċerta kumdità; għaliex is-salarju biss li jirċievi l-konvenut jidher suffiċjentement adegwat għall-kondizzjoni tagħhom, u hemm il-probabbiltà li dawn il-mezzi jiżdiedu. Infatti, jirriżulta li minn xi xahrejn qabel ma żżewweġ lill-konvenuta l-konvenut kien ġa mpjega ruħu bħala "diesel fitter" b'mod permanenti mal-kumpannija tal-B.P., b'salarju fiss ta' £8. 6. 0 fil-ġimgħa, minbarra l-ħlas li jirċievi extra għal xogħol ta' overtime li jaħdem ta' kulljum, għalkemm mhux dejjem tal-istess durata. Il-konvenut għandu depożitati fil-Barclay's Bank £766 mill-flus li ġieb miegħu mill-Awstralja, oltre xi ħaġa tal-flus oħra li huwa jżomm id-dar. Il-konvenut għandu 26 sena, il-konvenuta 20 sena (dok. A fol. 5), u t-tnejn jidhru ferm idonei li jimmiljoraw progressivament il-kondizzjoni tagħhom fil-ħajja;

Lanqas ma hi fondata r-raġuni l-oħra addotta mill-atturi. Id-disparità ta' kondizzjoni, li fit-termini tal-imsemmi artikolu tal-liġi (35, Kap. 23) tista' skond iċ-ċirkustanzi tiġi ritenuta bħala kawża ġusta ta' oppożizzjoni għaż-żwieġ, tidher li trid tkun dik li minnha, kif isemmi l-Kodiċi De Rohan (Libro 3, Capo 2, para. 16), li ġie promulgat fi żmienijiet ferm anqas demokratiċi minn dawk ta' żmienijietna, jista' jitnissel "grave scandalo o ignominia alle parentele" (Vol. III, 140; XVI-II-130; XXV-II-476).

Fil-każ in ispeċje, ma hemmx bejn il-familji tal-konvenuti din id-disparità ta' kondizzjoni speċjali li tiġġustifika da parti tal-atturi l-*oppożizzjoni* tagħhom għaż-żwieġ bejn il-konvenuti. Infatti, id-dispożizzjoni msemmija tal-Kodiċi De Rohan ġiet meħuda mil-liġi promulgata f'Napli fl-10 ta' April 1777, li mbgħad ġiet estiża għas-Siċilja b'Ordni Reġju tas-26 ta' Ottubru ta' dik is-sena, promulgat fis-7 ta' Novembru tal-istess sena; u biha kien jingħata dritt lill-ġenituri li jagħmlu użu mid-diżeredazzjoni lit-tfal u mill-privazzjoni tad-dota lill-uliedhom bniet li jiżżewġu "con persone infami e *ignominiose*";

Issa l-atturi ma jimputawx lill-konvenut li hu persuna ta' din ix-xorta, anzi l-attur xehed li kontra l-konvenut ma jaf xejn. Huwa biss jirrileva li minn xi 23 sena ilu jaħdem ta' kuntrattur, u qabel kellu ħanut tax-xorb, mentri missier il-konvenut, skond ma jidher mill-kawża li għaliha saret riferenza, hu gabillott. Apparti dak li ġa ntqal, kuntrattur u gabillott huma t-tnejn ħaddiema, u ma jistax jingħad, speċjalment fiż-żmienijiet tal-lum, li tifel ta' gabillott inissel xi skandlu gravi jew injominja lill-familja ta' martu, jekk missierha jkun kuntrattur. Ġie ritenut minn din il-Qorti li ma kienx hemm din id-disparità ta' kondizzjoni soċjali fi żwieġ bejn ġuvni, inġinier privat, u xebba, bint ta' industrijalista, li kellha wkoll ħuha professjonista (Vol. IX, 754). Il-familji tal-konvenuti huma mbgħad ftit jew wisq imparentati, billi, kif xehed l-attur, omm il-konvenut u omm martu huma kuġini; u jirriżulta li sa meta nqala' dan l-inkwiet fuq iż-żwieġ fil-kwistjoni l-membri taż-żewġ familji kienu midħla ta' xulxin, u qatt ma kien jilher li l-familja tal-atturi kienet tirriżenti ruħha jekk il-membri tal-familja tal-konvenut kienu jmorru għandhom, speċjalment meta huma stess kienu jiffrekwentaw lil din l-aħħar familja. L-attur semma li hu l-konvenut kien qatel involontarjament persuna bi truck, u li ħuħ iehor reċentement weħel il-ħabs minħabba intimidizzjoni fi strike politiku; semma wkoll ċirkustanzi oħra li huwa ma jafhomx "di scienza propria", u kwindi ma jistgħux jittieħdu f'konsiderazzjoni. Però, iċ-ċirkustanzi fuq imsemmijin u dawn l-aħħar ċirkustanzi, anki jekk pruvati, mhumiex tali, partikolarment billi dawn imsem-

mijin fl-aħħar ġraw ħafna żmien ilu, li jistgħu jirriflettu fuq il-kondizzjoni soċjali tal-konvenut b'konfront għal dik tal-atturi. Del resto, l-attur xehed ukoll li l-aktar li ħass kien mhux minħabba din id-disparità ta' kondizzjoni u għax bintu żżewġet lill-konvenut, imma għaliex din iżżewġet bil-mod kif iżżewġet, jiġifieri bil-għaġla tal-għaġeb li saret l-affari;

Għal dawn il-motivi;

Tiddeċidi billi teskludi l-atturi mid-domandi; bl-ispejjeż kontra tagħhom.